MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 860/1985/1

**Vincent Bone**

**v.**

**Sammy Meilaq ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Drydocks; u b'digriet tas-17 ta' Novembru 2004 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Saviour Gauci, ufficjal pubbliku mahtur biex jidher f'isem il-Gvern ta' Malta ghall-finijiet tal-artikolu 3(2) tal-Kap. 466 tal-Ligijiet ta' Malta**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-20 ta' Gunju 1985 li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta:

Illi fl-20 ta’ Jannar 1984 waqt li l-attur kien qed jahdem fit-Tarzna, b’inkarigu tal-konvenut nomine, huwa wegga’

serjament f'subghajh u sofra dizabilita` permanenti kif jirrizulta mill-anness certifikat mediku markat Dok. A;

Illi dan il-korriment li sofra l-attur u d-danni rizultanti minnu jaqa' u huma koperti b'"Personal Accident Insurance Policy" li l-konvenut nomine effettwa a beneficcju tal-haddiema kollha tat-Tarzna inkluz l-attur;

Illi l-konvenut nomine qieghed ingustament u minghajr dritt jirrifjuta li jressaq dan il-kaz ta' korriment li sofra l-attur quddiem il-Kumpanija assikuratrici li harget il-"Personal Accident Insurance Policy" in kwistjoni u b'hekk l-attur qed jigi pregudikat fit-talba tieghu li jircievi kumpens xieraq ai termini ta' kif tipprovdi l-istess "Personal Accident insurance Policy";

Talab li din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, previa d-dikjarazzjoni ta' responsabbilita` ghall-incident *"de quo"* da parti tal-konvenut nomine:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-korriment li fih wegga' l-attur fl-20 ta' Jannar 1984 u d-danni rizultanti minnu jaqghu u huma koperti bil-"Personal Accident Insurance Policy" vigenti ghall-haddiema tat-Tarzna;
2. Tillikwida, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi, il-kumpens ossia beneficcju dovut lill-attur a bazi tal-istess Polza ta' assikurazzjoni kif ukoll danni ohrajn li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
3. Tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur l-ammont li jigi hekk likwidat.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut nomine li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

1. Preliminarjament, u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet segwenti, kif formulati t-talbiet attrici, il-gudizzju mhuwiex integru;
2. Illi fi kwalunkwe kaz, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-Personal Accident Insurance Policy tirregola biss ir-relazzjonijiet bejn il-Malta Drydocks u l-

assikuraturi taghha u l-beneficjarju taht din il-policy hija l-istess Malta Drydocks;
3. Illi fil-konfront tal-Malta Drydocks talba ghal kumpens ma tistax tregi billi ma hemm ebda ammissjoni jew kundanna ta’ responsabilita` tal-istess Malta Drydocks ghall-incident imsemmi u l-attur anqas talab dikjarazzjoni ta’ responsabilita` f’dan is-sens;
4. Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-sueccepit ma huwa dovut ebda kumpens taht il-policy imsemmija billi l-claim la saret u lanqas setghet issir ai termini tal-istess policy u dan bi htija tal-istess attur billi t-talba tieghu kienet tardiva;
5. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-digriet tal-31 ta' Ottubru 1985 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Godwin Muscat Azzopardi bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jaghmel l-osservazzjonjiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tas-26 ta' Frar 1988 li permezz tieghu ghall-imsemmi perit legali li gie elevat ghall-magistratura, gie sostitwit l-Avukat Dottor Anthony Micallef Trigona;

Rat id-digriet tad-9 ta' Novembru 1992 li permezz tieghu gie revokat l-inkarigu moghti lill-imsemmi Avukat Dottor Anthony Micallef Trigona u sostitwit ghalih l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon

Rat id-digriet tat-28 ta' Gunju 1993 li permezz tieghu gie nominat Dottor Charles Sciberras bhala perit mediku biex jassisti lill-perit legali;

Rat ir-rapport tal-perit legali debitament mahluf fl-14 ta' Frar 2001 u r-rapport tal-perit mediku debitament mahluf fid-19 ta' Frar 2001;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

Mill-provi jirrizulta li l-attur kien impjegat bhala *electrical fitter* mat-Tarzna. Fl-20 ta' Jannar 1984 wegga' fuq il-post tax-xoghol wara li waqa' gholi ta' madwar tlieta jew erba' metri. Huwa xehed li pprova jaqabad b'idejh biex ma jaqax, tajjar il-kappell ta' subghajh ta' idu tax-xellug, dar u gie go kazata fuq hadida wieqfa; wegga' billi qasam il-laham fil-parti ta' isfel ta' dahru tant li ma setax iqum u wegga' ghonqu u wiccu. Wara li rah it-tabib tat-Tarzna, l-attur mar id-dar u jumejn wara rritorna ghax-xoghol izda meta beda juza s-sega jew il-lima beda jugghu ghonqu. Fit-23 ta' April 1984 illokkjalu ghonqu u kellu jibqa' d-dar ghal tliet xhur. Qabel hareg, mar it-Taqsima tal-Metall tal-General Workers' Union fejn tkellem ma' Anthony Busuttil u qallu biex fl-*injury note* issir nota ta' dak li kien qed ihoss f'ghonqu u idejh. Fid-Dok. VB1 (a fol. 98) il-Malta Drydocks tikkonferma li l-attur korra fuq ix-xoghol. U skond id-Dok. VB2 (a fol. 99) id-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali accetta li l-korriment fuq ix-xoghol li kellu l-attur wassal ghal dizabilita` u fil-fatt sar hlas ta' *disablement gratuity*. Inoltre l-attur gie ezaminat mill-konsulent ortopediku Mr. John Casaletto li rrilaxxja certifikat (Dok. A a fol. 5) li kkonferma bil-gurament.

Skond l-attur, l-*injury report* sar mill-ewwel u in segwitu l-Union ressqet *claim* ghall-*insurance*. L-attur ikkonferma li l-*claim* lill-*insurance* saret xi hames xhur wara l-incident. It-Tarzna wiegbet ghall-*claim* tal-Union permezz ta' ittra tal-15 ta' Ottubru 1984 (Dok. B a fol. 6) fejn qalet li billi kien ghadda tul ta' zmien mill-korriment ta' l-attur, it-Tarzna ma setghetx tressaq it-talba tieghu lill-*insurance*.

Anthony Busuttil ikkonferma li saret *claim* ghal hlas mill-*insurance* u esebixxa kopja tal-*personal accident policy* in kwistjoni (Dok. AB1 a fol. 101 *et seq.*). Ikkonferma wkoll li fil-kaz ta' l-attur kienet saret l-*injury note* Dok. AB2 (a fol. 117). Huwa spjega l-procedura li tintuza minn meta jigri l-incident.

Lawrence Bilocca xehed li l-*claim* ta' l-attur kienet tardiva. Bhala regola din trid issir minnufih ghalkemm ma' l-*insurance* kien hemm intiza li *claim* li ssir sa massimu ta' sitt xhur tkun ikkunsidrata. Skond dan ix-xhud, il-

beneficjarju huwa Malta Drydocks, il-flus jircevuhom huma u d-*discharge receipt* taghtiha Malta Drydocks. Skond l-*accident report* (Dok. AB2 a fol. 117) meta l-attur mar l-ispizerija biex jircievi kura, ic-*chargehand* tal-haddiem korrut indika bhala *injuries* li *"fell and hit buttocks and right hand 4th finger"*.

Il-perit legali, qabel ma jghaddi biex jittratta diversi punti ta' rilevanza li jemergu mill-provi, jaghmel il-kwezit jekk l-azzjoni attrici hijiex wahda *ex delicto* jew wahda *ex contractu*. Huwa jaghmel f'dar-rigward is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"24. Fic-citazzjoni, it-talbiet iridu jsegwu u jkunu relatati mal-premessi. Mill-premessi tac-citazzjoni jirrizulta car li l-attur qed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq l-allegati inadempjenzi tal-konvenut nomine meta ma ressaqx claim tieghu ghal kumpens taht personal accident insurance policy li kienet vigenti bhala parti mill-kuntratt tax-xoghol tieghu fid-data tal-incident - u allura l-azzjoni hija ex contractu.

25. Mill-premessi ma jirrizultax li l-azzjoni tal-attur [hija] ex delicto fis-sens li ghall-korriment li garrab l-attur mhux qed jattribwixxi t-tort lill-principal tieghu minhabba *imprudenza, imperizja, negligenza jew inosservanza tar-regolamenti* a tenur tal-Art. 1032 - 1033 tal-Kodici Civili.

26. Fit-talbiet l-attur jikkonferma li l-lanjanzi tieghu jirrigwardaw beneficcji li ghalihom kien intitolat skond il-personal accident insurance policy. Ghalhekk f'dan il-kuntest, it-talba tal-attur ghal dikjarazzjoni ta' responsabilita` tal-konvenut noe ghall-incident de quo saret inutilment ghaliex biex isir hlas ta' beneficcju kopert minn polza ta' assikurazzjoni tat-tip personal accident mhix mehtiega l-prova tar-responsabilita` tal-principal ghall-incident. Dik it-talba kienet tkun essenzjali li kieku l-azzjoni attrici kienet ex delicto fejn allura l-attribuzzjoni tal-htija lill-principal u l-konsegwenti prova tal-istess huma basilari ghas-success tal-azzjoni. Din pero` ma kenitx l-azzjoni intavolata mill-attur.

27. Personal accident insurance policy hija *a benefit policy* mhux *a liability policy*. Ghalhekk waqt li per ezempju *employers' liability insurance policy* topera biss jekk il-haddiem li bata d-danni jipprova li dak li gralu sehh tort tal-principal tieghu, fil-kaz ta' *personal accident insurance policy* il-hlas tal-beneficcju jsir indipendentement ta' min hu t-tort. L-unika kondizzjoni hija l-korriment irid ikun sehh fuq ix-xoghol u fil-kaz taht esami dan il-fatt huwa pacifiku. Proprju ghaliex fil-personal accident insurance policy il-hlas mhux marbut mal-htija li l-beneficcji reklamabbli huma limitati fil-parametri tal-hlas stabbiliti u pattwiti fil-polza: salarju moltiplikat b'numru ta' snin kalkolat bid-debilita` prefissa skond skeda li taghmel parti integrali mill-polza. Fil-kaz ta' employers' liability policy ma hemmx limiti ghall-kumpens li l-haddiem danneggjat jista' jirreklama purche` jipprova l-htija tal-principal.

28. Mill-mod kif l-attur imposta l-azzjoni fil-premessi u fit-tliet talbiet numerati ma hemmx dubju li l-attur qed jesigi minghand l-employer rifuzjoni tal-ammont li kien ikun intitolat jircievi li kieku l-principal ressaq il-claim."

Ma' dan kollu din il-Qorti taqbel perfettament u ghalhekk ser tghaddi biex tikkunsidra dak li qal il-perit legali fir-rigward tal-fatti tal-kaz in dizamina:

Dwar il-*personal accident insurance policy* in kwistjoni, il-perit legali elenka s-segwenti rizultanzi:

- Il-polza kienet vigenti permezz ta' endorsement fil-jum tal-korriment ta' l-attur.
- Ghalkemm l-assikurat kien Malta Drydocks, il-persuni assikurati kienu l-haddiema tal-Malta Drydocks, fosthom l-attur.
- Fil-kaz li persuna assikurata ggarrab korriment skond it-termini tal-polza, l-assikurazzjoni thallas lil Malta Drydocks mhux lill-haddiem korrut.
- Malta Drydocks bhala l-assikurat kienet fl-obbligu li taghti *immediate notice … to thee underwriters of any accident to an insured person which casues or may cause disablement within the meaning of this insurance and an*

*insured person must as early as possible place himself under the care of a qualified practitioner*. Ghalhekk il-polza tqieghed l-oneru li jmexxi u josserva l-procedura tal-claim fuq Malta Drydocks bhala l-assikurat mhux fuq il-haddiema bhala l-persuni assikurati.

- Il-polza hija operattiva meta ssehh il-mewt tal-persuna assikurata jew dan igarrab *permanent total disablement* waqt l-esekuzzjoni tad-doveri normali tieghu fit-Tarzna jew barra inkluz waqt li sejjer jew lura mix-xoghol.
- Skond ix-*schedule of compensation* tal-polza jirrizulta li *permanent disablement* kienet taghti lok ghal kumpens u kienet regolata skond *scale of permanent disabilities*. Ghal kull mankament permanenti li jgib korriment partikolari kien relatat il-persentagg tad-debilita`.
- Il-hlas tas-somma kapitali bhala kumpens kien relatat qabel xejn ma' l-eta` tal-persuna assikurata u mbaghad mal-*basic annual wage* tieghu.
- Fid-data tal-incident l-attur kellu 46 sena. Skond il-polza, jekk tirrizulta debilita` permanenti skond l-iskeda, dik l-eta` taghtih dritt ghal kumpens ekwivalenti ghal erba' (4) darbiet il-paga annwali bazika tieghu @ ir-rata tad-dizabilita` skond l-iskeda. Fl-1984, l-attur dahhal bhala paga shiha l-ammont ta' Lm3,187 (Dok. VB3).

Mill-provi jirrizulta li l-*claim* kienet tardiva min-naha tat-Tarzna u mhux min-naha ta' l-attur. Difatti l-perit legali jikkunsidra hekk:

"29. Fil-21 ta' Jannar 1984 l-attur korra fuq ix-xoghol. Peress li l-gravita` tal-korriment ma kienx evidenti mill-ewwel, kien biss wara xi zmien li l-attur kien kunsidrat bhala *injured at work* anke ghall-fini tal-operat tal-ligi dwar is-sigurta` socjali - ara d-Dok. VB1. Kif l-amministrazzjoni tat-Tarzna giet edotta kemm mill-fatt li l-attur korra fuq ix-xoghol kif ukoll mill-gravita` tal-istess korriment fis-sens li l-attur kien qed jassenti fuqu mix-xoghol, kien jinkombi fuqha l-obbligu li taghmel *claim* skond it-termini tal-*personal accident insurance policy*. Id-dicitura tal-polza titkellem car x'kien mistenni mit-Tarzna li taghmel: li taghti *immediate notice … to the underwriters of any accident to an insured person* (fil-kaz in ezami l-attur) *which causes or* *<u>may cause</u>* *disablement within the meaning of this*

*insurance and an insured person must as early as possible place himself under the care of a qualified practitioner*. Min-naha tieghu l-attur informa lit-Tarzna bis-shih dwar il-kondizzjoni tieghu tant li kien [hemm] skambju ta' veduti anke bejn it-tabib tat-Tarzna u l-konsulent John Casaletto (Dok. A).

30. Skond il-polza, kienet it-Tarzna li kellha taghti sehh ghall-procedura tar-reklam mhux toqghod tistenna lill-GWU jew lill-haddiem korrut biex javzaha bil-korriment u jitlob lit-Tarzna biex tressaq il-kaz tieghu lill-assikurazzjoni aktar u aktar meta t-Tarzna kienet ben infurmata bl-istess korriment u bid-diffikultajiet li nqalghu fl-investigazzjoni u accertament tal-fatti.

31. Jigi rilevat ukoll li kien biss fit-3 ta' Ottubru 1984 li d-Dipartiment tas-Servizzi Socjali kkonkluda li l-attur kien intitolat ghal *disablement gratuity* ghall-korriment fuq ix-xoghol li kien garrab fil-21 ta' Jannar 1984 - Dok. VB2. Il-GWU kitbet lit-Tarzna l-ghada."

Nonostante dan, il-perit legali kkonkluda li d-dizabilita` riskontrata mill-espert mediku ma tinkwadrax fl-i*Scale of Permanent Disabilities* li taghmel parti integrali mill-*personal accident insurance policy*.

Effettivament, mir-relazzjoni ta' l-espert mediku jirrizulta li meta l-attur waqa', gibed fuq il-muskoli, il-ligamenti u n-nervituri ta' dahru u ghonqu, u meta dawn jingibdu hafna drabi jibqghu jaghtu l-inkwiet fis-sens ta' ugigh u ghebusija ghal hafna zmien. Skond l-istess relazzjoni, il-fatt li l-attur baqa' jhosshom jindika li x'aktarx ser jibqa' hoss xi haga permanentement.

Din il-Qorti ezaminat fid-dettall l-i*Scale of Permanent Disabilities* u mkien ma hija ndikata t-tip ta' dizabilita` li sofra l-attur. Bhalma ssottometta l-perit legali, fil-kaz ta' din l-ghamla ta' polza ta' assikurazzjoni, mhux bizzejjed li espert mediku jiccertifika dizabilita` permanenti ghall-fini tal-kalkolu tal-*lucrum cessans* a tenur ta' l-artikolu relattivi tal-Kodici Civili. Hawn si tratta ta' *benefit policy* naxxenti minn kuntratt fejn ir-rata ta' dizabilita` hija determinata

minn qabel u marbuta ma' kwalita` ta' korriment ben definita. Fil-kaz in ezami d-dizabilita` indikata mill-espert mediku mhix inserita fl-iskeda tal-polza, u konsegwentement l-attur mhuwiex intitolat ghal kumpens taht l-istess polza.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez li, fic-cirkostanzi tal-kaz, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet u b'rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-attur fil-konfront tal-konvenut nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------